ESPRESSJONI TA' INTERESS (Ref. 25/351)

SEJĦA GĦAL ESPRESSJONI TA' INTERESS GĦAL EVALWATURI TA' KOTBA U TESTI BL-INGLIŻ

Data: 01/09/2025

Introduzzjoni
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tistieden persuni kwalifikati li jixtiequ joffru s-servizzi tagħhom bħala Evalwaturi ta' kotba u testi bl-Ingliż, biex jesprimu l-interess tagħhom li jipprovdu dan is-servizz.

Għanijiet
Persuni interessati huma mitluba joffru r-rati tal-ħlas (eskluża l-VAT) għal kull ktieb jew test li jevalwaw, skont iċ-ċekkjatura li tinsab fis-sit elettroniku https://nla.gov.mt/mt/avvizi/, f'kull waħda mill-kategoriji msemmija hawn taħt. Ir-rati tal-ħlas offruti mill-persuni interessati m'għandhomx jaqbżu r-rati (eskluża l-VAT) provduti f'din l-Espressjoni ta' Interess.

1. Kotba/testi għat-tfal (etajiet sa 7 snin)
    i. minn16 sa 20 paġna €3
    ii. sa 30 paġna €5
2. Kotba/testi għat-tfal (etajiet minn 8 snin sa 12-il sena)
    i. sa 50 paġna €10
    ii. sa 100 paġna €20
3. Kotba/testi għall-adolexxenti (etajiet minn 13 sa 16-il sena)
    i. sa 500 paġna €40

Spejjeż
L-ispejjeż kollha sostnuti mill-parteċipanti fir-rigward ta' din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/351) għandhom jiġu koperti esklussivament mill-parteċipanti stess. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu mhix responsabbli u mhi se tkopri l-ebda spiża jew telf sostnut mill-parteċipanti b'rabta ma' kwalunkwe aspett ta' din l-Espressjoni ta' Interess.

Ħtiġijiet għas-Sottomissjoni
L-applikanti għandhom jippreżentaw l-espressjoni ta' interess tagħhom, flimkien ma' ġabra tal-kwalifiki miksuba f'format tal-Europass Curriculum Vitae u kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom.

Kriterji ta' Eliġibbiltà

- L-applikanti ma jistgħux ikunu awturi/illustraturi ta' kotba/testi bl-Ingliż jew impjegati preżenti ta' djar tal-pubblikazzjoni lokali.
- L-applikanti jistgħu jkunu edukaturi, librara (li ma jaħdmux direttament ma' pubblikaturi) jew persuni oħra li huma midħla tal-letteratura tat-tfal.
- L-applikanti huma mistennija li jkollhom:
    - kwalifika fl-Ingliż fil-Livell 6 tal-MQF,
- L-applikanti se jintalbu jattendu għal intervista. L-Aġenzija tirriserva d-dritt li ssejjaħ biss lill-applikanti eliġibbli li joffru l-aħjar prezzijiet.

- Kull parteċipant irid ikun Operatur Ekonomiku li jibagħtilna invoice għall-ħidma tiegħu u rċevuta fiskali bħala konferma tal-ħlas.

Ftehim
Din l-Espressjoni ta' Interess hija valida għal 3 snin mid-data tal-ħruġ tagħha u se tibqa' miftuħa matul il-perjodu ta' validità, għal kwalunkwe Operatur Ekonomiku li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, billi jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet ġodda kull 6 xhur. Kull Operatur Ekonomiku ser jiġi offrut kuntratt ta' sena li jista' jiġi mġedded kull sena għal tliet snin skont din l-Espressjoni ta' Interess bl-istess rata kkwotata fis-sottomissjoni.

Is-sottomissjonijiet f'format diġitali għandhom jintbagħtu lis-Sa Nicole Borg fl-indirizz elettroniku nicole.borg.18@ilearn.edu.mt sa mhux aktar tard mit-**Tnejn, 23 ta' Novembru 2026 f'nofsinhar**.

Għal kull sottomissjoni li tirċievi l-Aġenzija, tintbagħat ittra ta' konferma, elettronikament.

Id-deċiżjonijiet finali mistennija jittieħdu fi żmien xahar mill-applikazzjoni, skont din l-Espressjoni ta' Interess (Ref. 25/351).

Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok, ibgħat ittra elettronika fuq nicole.borg.18@ilearn.edu.mt jew ċempel 25983301.

Is-Sur David Muscat
Il-Kap Eżekuttiv
L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu